MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Numru. 1064/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Allan Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Allan Grima**, ta' 32 sena, iben Anthony u Anna xebba Borg, imwieled il-Pieta` nhar is-26 ta' Dicembru, 1982, residenti gewwa Blokk 16D, Flat 4, Triq il-Gendus, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita numru 115783(M);

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Ottubru, 2014 bejn l-10:00 ta' filghodu u nofs in nhar gewwa l-lokalita tal-Marsa, ikkommetta serq ta' stereo minn gewwa vettura privata ghad-dannu ta' Lotfi Abidi u/jew ta' persuna jew persuni ohra w liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tjnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg mobbli jew immobbli ta' Lotfi Abidi u/jew persuni ohra u cioe' vettura ta' l-ghamla Opel bin-numru ta' registrazzjoni HBO-121, liema hsara jommonta ghal aktar minn €250, (Art.325 Kap.9);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni ACB-486 minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-awtorita dwar it-transport ta' Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, soqt l-istess vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn Awtorita relevanti u ghalhekk ma kontx kopert b' polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b' mod perikoluz, (Art.15 (1)(2), 16 (3) LS 65.11);

U finalment talli fl-istess perjodu taz-zmien u cirkostanzi f' dawn il-gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien instaghab hati ta' diversi reati b' sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin u li liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Akkuzat ukoll li kiser kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposta mill-Qorti diversament preseduta, f' dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura

volontarja kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-akkuzi;

Rat il-Ligi – senjatament l-Artikoli 15 (1)(2), 16 (3) LS 65.11, 49, 50, 279, 289, u 579 (2) tal-Kap.9

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat;

Rat il-verbal li sar fit-30 ta' Ottubru, 2014;

Rat ir-rapport tal-Probation Officer Dorian Corneliusipprezentat fil-11 ta' Marzu, 2015;

Fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-akkuzat u probabbilment il-fatt illi l-istess akkuzat wera x-xewqa illi jgheleb id-diffikultajiet li ghandu;

Fic-cirkostanzi u fid-dawl kemm ta' l-imsemmija dikjarazzjoni ta' l-akkuzat u r-rapport tal-probation officer;

Il-Qorti qed issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-Art 18 tal-Kap 446 qieghdha tordna illi l-akkuzat jitqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficcjal tal-probation a tenur ta' l-Art. 79 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' **tlett snin** filwaqt illi a tenur ta' l-Art. 11 tal-Kap 446 qieghda tordna illi l-akkuzat jaghmel **400 siegha** xoghol fil-komunita, liema xoghol ghandu jibda jsir la darba johrog mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fejn huwa

jinsab fil-prezent, liema xoghol ghandu jsir taht is-supervizjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------